**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

MALTA

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mario Camilleri

vs

Eximus Services Ltd

CCT/66/22/MS

31 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fit-2 ta' Mejju 2022 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' seba' mija u hamsin euro (€750.00), prezz ta' pultruna mixtrija minghand is-socjeta' intimata, liema pultruna ittebbat metą *throw-over* li kienet konsenjata mal-pultruna rehiet il-kulur ahmar fuqha.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata pprezentata fit-2 ta' Settembru 2022 fejn cahdet it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-pultruna giet konsenjata f'kundizzjoni perfetta u m'ghandha l-ebda tip ta' difett u kwalunkwe tebgha saret mir-rikorrent stess u mhux ghax il-pultruna kienet imtebba' meta saret il-konsenja.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xiehda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat illi r-rikorrent xtara pultruna fit-3 ta' Novembru 2021 u meta giet konsenjata, id-delivery man ramaghha u ta lir-rikorrent *throw-over* li kien rigal minghand l-intimat. Ir-rikorrent ighid li d-delivery man fetah it-*throw over* u tefaghha fuq il-pultruna. Wara xi erba' tijiem meta r-rikorrent nehhieha, sab li l-pultruna kienet imcappsa bil-kulur ahmar. Cempel lill-intimat xi hames darbiet izda qatt ma rnexxielu jaqbu u fl-ahhar kellmu u l-intimat weghdu li kien ser jigi. Ir-rikorrent ighid li l-intimat qatt ma gie, pero' baghat il-lavrant tieghu biex jiehu xi ritratti.

Illi Anthony Vella, rapprezentant tas-socjeta' intimata xehed illi hu u r-rikorrent ilhom jafu lil xulxin 'il fuq minn tletin sena u kkonferma illi r-rikorrent kien ordna pultruna u kienu marru n-nies tieghu biex jarmawielu, u tawh ukoll *throw-over* li kien baghatlu huwa stess bhala rigal. L-

intimat ghid illi r-rikorrent kien qallu li ma kienx hasilha u dan kien ir-raguni ghaliex rehiet. Ighid ukoll illi kien baghat in-nies tieghu sabiex jara kif jistghu jnehhu dan il-kulur bil-polish tal-karrozzi izda ma rnexxielhomx.

Ikkunsidra

Illi hemm qbil bejn il-partijiet illi l-pultruna nnifisha ma kellhiex hsara, pero' spiccat imtebba' minhabba *throw-over* hamra li tpoggiet fuq il-pultruna u rehiet il-kulur. Il-paritjiet pero' ma jaqblux min hu responsabbli ghal dan, bir-rikorrent jaghti tort lill-intimat u *vice versa.*

Illi rrizulta mill-provi illi t-*throw over* kienet konsenjata mal-pultruna bhala rigal u ma kienx ir-rikorrent li xtrah. L-ideja kienet esklussivament tal-intimat, u ghamilha b'intenzjoni tajba biex jaghmel kumpliment. Ir-rikorrent ighid ukoll illi malli konsenjaw il-pultruna, id-delivery men fethu l-pakkett fejn kien hemm i*t-throw over* u tefughha fuq il-pultruna. Jekk, kif qed ighid l-intimat, it-throw over kellha bzonn tinhasel qabel ma tpoggiet fuq il-pultruna, id-delivery men ma misshomx fethuha u tefghuha fuq il-pultruna dak il-hin tal-konsenja, u misshom gibdu l-attenzjoni tieghu illi din kellha bzonn tinhasel.

Pero', anke kieku, t-Tribunal mhuwiex konvint illi bil-hasil, din ma kenitx ha tibqa' terhi l-kulur. L-ahmar huwa kulur li jaf jibqa' jerhi, anke wara hasla wahda jew iktar. Hwejjeg humor huma l-iktar li jerhu l-kulur u t-Tribunal jidhirlu illi qatt m'ghandek tpoggi *throw over* hamra fuq sufan abjad jew cream anke jekk din tkun mahsula, ghaliex b'hekk tkun qed tistieden il-problemi b'idejk. Il-fatt illi din giet konsenjata mal-pultruna bhala rigal kienet ideja hazina, u ta' dan zgur m'ghandux jahti r-rikorrent. Dan gara fl-ewwel gimgha tal-konsenja meta l-pultruna kienet ghadha gdida u ghalhekk ir-rikorrent lanqas kellu opportunita igawdieha. L-intimat ikkonferma illi dan il-kulur ma ried imur b'xejn.

Illi wara li qies ic-cirkostanzi, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ghandu ragun fit-talba tieghu li tisthoqq li tigi akkolta fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna s-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' seba mija u hamsin euro (€750.00). Bi dritt tas-socjeta' intimata illi tiehu lura l-pultruna wara li jsir id-debitu hlas.
Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru